— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1136/2006 ([1]) tal-24 ta' Lulju 2006, sa fejn jimponi dazju antidumping fuq LAMs immanifatturati mill-appellanti li huwa ikbar mid-dazju li jkun dovut li kieku ma sarx aġġustament tal-prezz tal-esportazzjoni; u

— tordna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll dawk tal-ewwel istanza.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li s-sentenza appellata ma taghtix l-effett legali korrett lill-kunċett tal-valur normali kif definit fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 384/96 ([2]), kif emendat, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea. Konsegwentement, is-sentenza appellata tikkonstata b'mod żbaljat li l-valur normali simili li huwa ddeterminat skont din id-dispożizzjoni neċessarjament jikkorrispondi mal-mument li fih il-prodotti rilevanti ma jibqgħux jagħmlu parti mil-linja tal-produzzjoni fiċ-Ċina, minkejja li s-sentenza appellata nfisha tikkonstata li s-SG&A kemm għall-bejgħ domestiku kif ukoll għall-bejgħ għall-esportazzjoni mhumiex sostnuti mill-kumpannija fiċ-Ċina, iżda minn kumpanniji relatati li jinsabu f'Ħong Kong, pajjiż li jadotta ekonomija tas-suq. Din il-konklużjoni żbaljata tirriżulta fil-fatt li s-sentenza appellata tikser l-Artikolu 2(10) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 384/96, kif emendat, billi taċċetta l-aġġustament tal-istituzzjonijiet dwar il-prezz tal-esportazzjoni li jikkonsisti fit-tnaqqis tal-SG&A u tal-profitti tal-kumpanniji relatati f'Ħong Kong.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1136/2006, tal-24 ta' Lulju 2006, li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' mekkaniżmi b'lever arch li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 352M p. 451)

([2]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45)

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

**(Kawża C-512/09)**

(2010/C 37/31)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Iro Dimitriou u A. Margelis)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

### Talbiet

— tikkonstata li, billi m'adottatx, jew fi kwalunkwe każ, ma nnotifikatx lill-Kummissjoni, il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/66/KE ([1]) tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 26(1) ta' din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE fid-dritt nazzjonali skada fis-26 ta' Settembru 2008.

([1]) ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-513/09)**

(2010/C 37/32)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Peere u A. Marghelis, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju

### Talbiet

— tikkonstata li r-Renju tal-Belġju ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE ([1]) u, f'kull każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE skada fis-26 ta' Settembru 2008. Fil-mument tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut kien għadu ma adottax id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jittrasponi d-direttiva jew, f'kull każ, kien għadu ma kkomunikahomx lill-Kummissjoni.

(1) ĠU L 266, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża**

**(Kawża C-518/09)**

(2010/C 37/33)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I.V. Rogalski u P. Guerra e Andrade, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— Tiddikjara li:

— billi fil-liġi tagħha stabbilixxiet li ma kienx hemm distinzjoni bejn l-istabbiliment u l-provvista ta' servizzi, fir-rigward tal-attivitajiet ta' tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobiljari tal-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà u tal-aġenti tal-proprjetà;

— billi ssuġġettat lill-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà kif ukoll lill-aġenti tal-proprjetà ta' Stati Membri oħra għall-obbligu li jirreġistraw ruħhom b'mod sħiħ mal-Instituto da Construção e do Imobiliário (iktar 'il quddiem l-"InCI, I.P."), għall-finijiet tal-provvista temporanja ta' servizzi;

— billi ssuġġettat lill-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà kif ukoll lill-aġenti tal-proprjetà ta' Stati Membri oħra għall-obbligu li jiggarantixxu r-responsabbiltà li tirriżulta mill-attività permezz ta' assigurazzjoni skont il-liġi Portugiża;

— billi ssuġġettat lill-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà ta' Stati Membri oħra għall-obbligu li l-kapital tagħhom stess ikollu bilanċ pożittiv skont il-liġi Portugiża;

— billi ssuġġettat lill-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà ta' Stati Membri oħra għall-kontroll sħiħ ta' dixxiplina tal-InCI, I.P.,

ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56 TFUE;

— kif ukoll li, billi, fir-rigward tal-impriżi li jipprovdu senserija fuq il-proprjetà, hija imponiet li huma għandhom jeżerċitaw esklużivament din l-attività, ħlief fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-proprjetà immobbli f'isem terzi, u, fir-rigward tal-aġenti tal-proprjetà, hija imponiet li huma għandhom jeżerċitaw esklużivament l-attività ta' aġenti tal-proprjetà,

ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE.

— Tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Mis-sistema Portugiża ta' senserija fuq il-proprjetà u ta' aġenzija fuq il-proprjetà jirriżultaw numru ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Dejjem sakemm dawn jirrigwardaw proprjetà immobbli li tinsab fil-Portugall, l-attivitajiet ta' senserija fuq il-proprjetà u aġenzija fuq il-proprjetà ta' entitajiet li jkollhom is-sede jew id-domiċilju tagħhom fi Stati Membri oħra huma suġġetti għal-liġi Portugiża.

Il-liġi Portugiża tiatabbilixxi seba' rekwiżiti ta' aċċess għall-attività ta' senserija fuq il-proprjetà. Barra minn hekk hija tistabbilixxi erba' rekwiżiti ta' aċċess għall-attività ta' aġenzija fuq il-proprjetà.

Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-portata suġġettiva tal-liċenzja huma restrittivi.

Ir-rekwiżit li jikkonċerna l-kapaċità professjonali huwa wkoll restrittiv.

Ir-regoli Portugiżi fir-rigward tas-senserija u tal-aġenzija fuq il-proprjetà jbiddlu l-attività tradizzjonali ta' senserija. Minflok ma jkun hemm senserija, tirriżulta li jkun hemm aġenzija.

L-obbligu li l-assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali ssir skont il-liġi Portugiża jikkostitwixxi restrizzjoni inġustifikata.